31997D0876

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Diċembru 1997

li tistipula l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fl-Indja

(Test bir-relevanza ŻEE)

(97/876/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u tqegħid fuq is-suq tal-prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/71/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/675/KEE ta' l-10 ta' Diċembru 1990 li tistipula l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' l-iċċekkjar veterinarju ta' prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [3], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/43/KE [4], u partikolarment l-Artikolu 19(7) tagħha,

Billi espert tal-Kummissjoni għamel żjara ta' l-ispezzjoni fl-Indja biex jivverifika l-kundizzjonijiet li bihom il-prodotti tas-sajd huma fabbrikati, maħzuna u mibgħuta lill-Komunità;

Billi d-disposizzjonijiet ta' leġiżlazzjoni ta' l-Indja dwar l-inspezzjoni tas-saħħa u s-sorveljanza tal-prodotti tas-sajd jistgħu jkunu kunsidrati ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi, fl-Indja il-Kunsill ta' l-Ispezzjoni ta' l-Esportazzjoni (EIC) tal-Ministeru tal-Kummerċ huwa kapaċi li jivverifika effettivament l-applikazzjoni tal-liġijiet viġenti;

Billi il-proċedura għall-ksib ta' ċertifikat tas-saħħa riferit għalih f' l-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandu jinkludi ukoll id-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-ħtiġiet minimi rigward il-lingwa(i) li biha għandu jkun imfassal u l-kariga tal-persuna bis-setgħa li tiffirmaħ;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, marka għandha tkun imwaħħla mal-pakketti tal-prodotti tas-sajd li tagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment, il-maħzen tat-tkessiħ tal-bastiment tal-friża ta' oriġini;

Billi, skond l-Artikolu 11(4)(ċ) tad-Direttiva 91/493/KEE, lista ta' stabbilimenti approvati, mħażen tat-tkessiħ jew bastimenti tal-friża għandhom ikunu imniżżla; billi dik il-lista għandha tkun imniżżla fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-EIC lill-Kummissjoni; billi huwa għalhekk għall-EIC biex tassigura konformità mad-disposizzjonijiet preskritti għal dak l-iskop f' l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi EIC pprovdit l-assikurazzjonijiet uffiċjali rigward il-konformità mar-regoli preskritti fil-Kapitolu V ta' l-Anness għad-Direttiva 91/493/KEE u dwar il-ħarsien tal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk preskritti minn dik id-Direttiva għal l-approvazzjoni ta' l-istabilimenti, mħażen tat-tkessiħ jew bastimenti tal-friża;

Billi huwa neċessarju li tiġi mħassra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/515/KE ta' l-1 t' Awissu 1997 li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi dwar ċerti prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Indja [5];

---

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 24.
[2] ĠU L 332, tat-30.12.1995, p. 40.
[3] ĠU L 373, tal-31.12.1990, p. 1.
[4] ĠU L 162, ta' l-1.7.1996, p. 1.
[5] ĠU L 214, tas-6.8.1997, p. 52.

Billi l-miżuri provduti għalhekk f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kunsill ta' l-Ispezzjoni ta' l-Esportazzjoni ta' l-Indja (EIC) tal-Ministeru tal-Kummerċ għandha tkun l-awtorità kompetenti fl-Indja biex tivverifika u tiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

Artikolu 2

Il-prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw mill-Indja għandu jkollhom il-kundizzjonijiet li ġejjin:

1. kull konsenja għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali tas-saħħa nnumerat, debitament komplut, iffirmat, bid-data u jkollu folja waħda bi qbil mal-mudell f' l-Anness A hawn muri;
2. il-prodotti għandhom jiġu mill-istabilimenti approvati kif elenkati f' l-Anness B hawn murija;
3. minbarra fil-każ tal-prodotti tas-sajd iffriżati bħala massa u maħsuba għal manufattura ta' l-ikel priservat, il-pakketti kollha għandhom ikollhom fuqhom il-kelma "INDIA" u n-numru ta' l-approvazzjoni ta' l-istabbiliment, mħażen tat-tkessiħ jew bastimenti tal-friża ta' l-oriġini b'ittri li ma jitħassrux.

Artikolu 3

1. Ċertifikati kif riferuti f' l-Artikolu 2(1) għandhom ikunu miktuba mill-inqas f'lingwa waħda uffiċjali ta' l-Istat Membr fejn isir l-iċċekkjar.

2. Iċ-Ċertifikati għandhom ikollhom fuqhom l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant tal-EIC u t-timbru uffiċjali tiegħu b'kulur differenti minn dak ta' l-endorsjar l-ieħor.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 97/515/KE hija imħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għal prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fl-Indja u maħsuba għall-esportazzjoni fil-Komunità Ewropea, minbarra molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropdi marini tkun xi tkun il-forma

Numru tar-Referenza: .....

Pajjiż tad-dispaċċ: INDJA

Awtorità kompetenti: Kunsill ta' l-Ispezzjoni ta' l-Esportazzjoni ta' l-Indja (EIC) tal-Ministeru tal-Kummerċ

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

Deskrizzjoni tas-sajd /Prodotti tal-Akwakultura (1):

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Presentazzjoni tal-prodott u t-tip tat-trattament (2): .....

Numru tal-kodiċi (fejn disponibbli): .....

Tip ta' l-ippakkjar: .....

Numru ta' pakketti: .....

Użin net: .....

Magażżinaġġ meħtieġ u temperatura tat-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u n-numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), fabbrika tal-bastiment(i), jew mħażen tal-kesħa approvati jew bastiment(i) tal-friża reġistrati mill-EIC għall-esportazzjoni għal KE: .....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodott huwa mibgħut

Minn: .....
(post tad-dispaċċ)

għal: .....
(pajjiż u post tad-destinazzjoni)

bil-mezż tat-trasport li ġej: .....

Isem u l-indirizz tad-dispaċċatur: .....

.....

.....

Isem tad-destinatarju u l-indirizz fil-post tad-destinazzjoni: .....

.....

.....

(1) Ħassar fejn xieraq.
(2) ħajjien, imkessħa, friżżati, immelħa, melżin, priservati,eċċ.

IV. **Attestazzjoni tas-saħħa**

— L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u l-akwakultura speċifikati hawn fuq:

1. kienu maqbuda u maneġġjati fuq bastiment bi qbil mar-regoli tas-saħħa preskritti bid-Direttiva 92/48/KEE;

2. kienu maħtta, maneġġjati u ppakkjati fejn xieraq, preparati, proċessati, friżati, imdewwba u magażżinati iġjenetikament b' konformità mal-ħtiġiet preskritti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;

3. ghaddew minn kontrolli tas-saħħa bi qbil mal-Kapitolu V ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma ippakjati, mmarkati, magażżinati u trasportati bi qbil mal-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;

5. ma humiex ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li fihom tossiċi bijoloġiċi;

6. ghaddew minnn iċċekkjar sodisfaċċenti organoleptiku, parasitoloġiku, kemikali u mikro-bijoloġiku preskritti ghal ċerti kategoriji tal-prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u fl-implimentazzjoni tad-deċiżjoni li hemm fiha.

— L-ispettur uffiċjali hawn taht iffirmat hawnhekk jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, Direttiva 92/48/KEE u d-Direttiva 97/876/KE.

Magħmula fi ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali [1]

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali [1]

.....
(L-isem f'ittri kbar, il-kariga u kwalifiki tal- persuna li qed tiffirma)

[1] Il-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak tad-dettalji l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-ANNESS B

LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI

Numru	Isem	Indirizz
981	Accelerated Freeze Drying Co. Ltd.	Bangalore (Karnataka)
883	Amulya Seafoods	Tuticorin (Tamil Nadu)
686	Cap Sea Foods (diviżjoni ta' Abad Fisheries)	Vypeen Islands, Cochin (Kerala)
520	Capithan Exporting Co.	Quilon (Kerala)
694	Choice Fisheries Ltd. Unit III	Cochin (Kerala)
253	Castlerock Fisheries Limited	Taloja, Distt. Raigad Near Mumbai, Maharashtra
935	Innovative Marine Foods Limited (Amalgam Enterprises)	Pamarru, Andhra Pradesh
208	Innovative Marine Foods Limited	Taloja, Distt. Raigad Near Mumbai, Maharashtra
687	Lansca Foods Privat Limited	Cochin (Kerala)
683	Torry Harris Seafood Limited	Eramalloor, Alleppey Kerala)